**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR.IMHALLEF**
**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Illum 24 ta' Gunju 2025**

**Rik. Gur.Nru.: 563 /2024 JPG**
**Kawza nru.: 23**

**FA**
**Vs**
**CB**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors guramentat ta' FA datat 11 ta' Novembru 2024, a fol 1, li jaqra hekk:

*Illi l-kontendenti kienu nghaqdu fiz-zwieg fl-ewwel (1) t'Awwissu, tas-sena elfejn u tmienja (2008) fil-knisja ta' Santa Marija Assunta Mqabba liema zwieg gie debitament rregistrat fir-registru taz-zwieg f'Malta bin-numru tac-certifikat 1077/2008 u dan kif jirrizulta mid-dokument hawn anness u mmarkat bhala Dok A.*

*Illi minn dan iz-zwieg il-kontendenti ghandhom zewgt itfal minuri, cioe' MFA fl-eta ta' X il-sena u ZA fl-eta' ta' Y snin;*

*Illi l-partijiet isseparaw legalment fl-ghaxra (10) ta' Dicembru tas-sena elfejn u ghoxrin (2020) permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni fl-atti tan-Nutar Dottor Jean Carl Debono anness u mmarkat Dok B.*

*Illi l-partijiet ilhom separati de facto ghal numru ta' snin;*

*Illi m'hemm ebda' prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi minbarra li ilhom snin twal mifrudin illum ghandhom hajja totalment separati minn xulxin;*

*Illi m'hemm ebda kwistjonijiet ta' manteniment bejn il-partijiet favur il-minuri;*

*Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*Ghaldaqstant, l-esponenti qieghed, ghar-ragunijiet fuq imsemmija jitlob illi din l-Onrabbli Qorti joghgobha, prevja kull dikjarazzjoni mehtiega u opportuna illi:*

1. ***Tippronunzja** l-hall taz-zwieg bejnet il-partijiet;*
2. ***Tordna** lir-Registratur tal-Qrati sabiex fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.*

Rat illi r-rikors promotur, l-atti esebiti u d-digriet ta' din il-Qorti gew notifikati skond il-ligi;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat ir-risposta guramentata ta' CB datat 10 ta' Jannar 2025, a fol 16 li taqra hekk:

*Illi hi ma topponix ghad-divorzju b'dana illi pero:*

i. *Ir-rikorrenti irid ihallas lill-esponenti l-arretrati tal-manteniment in kwantu gholi tal-hajja u cioe skont il-prospett anness Dok A;*

ii. *Illi gialadarba jithallsu l-arretrati l-esponenti tirrimetti ruhha; b'dana li hi ma ghandhiex tbati l-ispejjez tal-kawza;*

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri;*

Rat in-nota konguntiva tal-partijiet datata 18 ta' Frar 2025 vide fol 21 fejn l-intimata rtirat l-eccezzjoni taghha dwar nuqqas ta' hlas ta' manteniment wara li rceviet pagament a saldo tal-arrettrati dovuti u ddikjarat li m'ghandhiex oggezzjoni ghad-divorzju;

**Ikkonsidrat:**

**L-attur** fir-rikors guramentat tieghu **(**vide **a fol 1 )** sostna illi il-kontendenti izzewgu nhar l-ewwel (1) ta' Awwissu tas-sena elfejn u tmienja (2008). Minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal, li ghadhom minorenni. Xehed illi il-kontendenti sseparaw legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali nhar l-ghaxra (10) ta' Dicembru fis-sena elfejn u ghoxrin (2020) fl-atti tan-Nutar Dr. Jean Carl Debono. Il-partijiet ikkonfermaw li ilhom jghixu de facto ghal numru ta' snin. Di piu', ikkonferma illi ma hemm ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni kif ukoll li ma hemmx pendenzi ta' manteniment wara li sar il-hlas tal-arrettrati.

**L-intimata** xehdet (vide affidavit **a fol 17 et seqq.**) u kkonfermat u korroborat ix-xhieda ta' zewgha u rtirat l-eccezzjoni dwar nuqqas ta hlas ta' manteniement wara li rceviet pagament a saldo tal-arrettrati dovuti.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi***

*jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.*

*(… omissis)*

*66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:*

*(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:*

*Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew*

*(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u*

*(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u*

*(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:*

*Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:*

> ***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***
>
> ***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement ppruvat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar l-ewwel (1) ta' Awwissu tas-sena elfejn u tmienja (2008) liema zwieg jgib certifikat numru 1353/2008 (Vide certifikat taz-zwieg, fol 3). Minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal, li ghadhom minorenni.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali, ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dottor Jean Carl Debono nhar l-10 ta' Dicembru 2020 (Vide fol 4 et seqq.) Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom separati ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

L-intimata, permezz ta' nota kongunta datata 18 ta' Frar 2025 irtirat l-eccezzjoni rigward in-nuqqas ta' hlas ta' manteniment dovut wara li rceviet pagament a saldo tal-arrettrati dovuti (vide fol 21) .

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 1353/2008 u**

**tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjes jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Nicole Caruana**
**Deputat Registratur**